MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1130/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**John Mary Buhagiar u b'digriet datat 17 ta' Settembru 2004 giet kjamata in kawza mart il-konvenut Elizabeth Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-27 ta Mejju 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u disghin lira Maltija u erba' centezmi (Lm196.04) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telephone numru 21800727 kif jirrizulta minn zewg dokumenti esebiti markati Dok A u Dok B u liema odjerna talba kellha tigi ntavolata stante li l-konvenut baqa' ma hallasx nonostante li sarulu diversi nterpellanzi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 17 ta' Settembru 2004 fejn tefa' r-responsabbilita tal-hlas mitlub fuq martu stante li t-telephone in kwistjoni jinsab installat fid-dar tar-residenza taghha oltre li saret riserva fuq il-kwantum; Difatti huwa talab li martu tigi kjamata in kawza liema talba giet milqugha;
Ra li l-kjamata in kawza ghalkemm debitament notifikata baqghet ma ghamlet ebda risposta;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-kjamata in kawza twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-kjamata in kawza naqset li tidher u fil-fatt ma dehritx la fis-seduta tal-14 ta Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment in vista tal-fatt li l-partijiet l-ohra f'din il-kawza ghadhom ma resqu ebda provi ulterjuri tant li l-kawza thalliet ukoll ghal provi tal-atturi;

Ghaldaqstant in vista tal-premess it-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fuq il-kapitolu prezentat mis-socjeta' attrici u tordna l-prosegwiment tal-kawza ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet bil-ghan li fl-ahhar tinghata sentenza wahda.

L-ispejjes qed jigu ghalissa riservati sas-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------